**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 226/2016 CFF**

**DE LA TOUR ENTERPRISES LIMITED**

**VS**

**MULTDRINK S.R.L.**

**Illum 18 ta' Lulju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tas-socjeta' attrici** fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmint elef u sebgha mija u tnejn u tmenin Ewro (€8,782) rapprezentanti danni subiti mir-rikorrenti meta naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha f'kuntratt ta' provvista ta' xkejjer ta' zokkor u dan meta hija kkonsenjat il-prodotti in kwistjoni mhux mill-Unjoni Ewropeja u fi xkejjer ta' hamsin kilogramma (50KG) meta dawn kellhom jigu kkonsenjati minn pajjiz fl-Unjoni Ewropeja u fi xkejjer ta' hamsa u ghoxrin kilogramma (25KG) u b'hekk gew soggetti ghad-dazju u spejjez zejda ta' transport.

Illi s-socjeta' rikorrenti, inter alia, topera fil-qasam ta' importazzjoni u bejgh ta' diversi prodotti fosthom iz-zokkor.

Illi din is-sena s-socjeta' rikorrenti, tramite diversi korrispondenzi kif ukoll fattura hawn annessa u mmarkati bhala 'Dok. D1' dahlet f'kuntratt ta' provista mas-socjeta' Multidrink S.R.L. kif rapprezentata minn certu Franco Cestone fejn din is-socjeta' kellha tikkonsenja tmien mitt (800) xkejjer ta' zokkor lis-socjeta' rikorrenti fuq prezz u kundizzjonijiet pattwiti fosthom li l-prodott jigi kkonsenjat immedjatament li jkun mill-Unjoni Ewropeja u li jkun ppakkettjat fi xkejjer ta' hamsa u ghoxrin kilogramma (25 kg);

Illi s-socjeta' rikorrenti halset il-prezz pattwit ta' hdax-il elf u mija u hamsa u ghoxrin Ewro u disgha u disghin centezmi (€11,125.99) lis-socjeta' rikorrenti permezz ta' trasferiment bankarju (ara dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok D2' li juru li l-pagament sar u li s-socjeta' Multidrink S.R.L. irciviet il-pagament);

Illi apparti l-fatt illi s-socjeta' Multidrink S.R.L. damet hafna sabiex tikkonsenja l-prodott in kwistjoni fejn anki wassal ghas-socjeta' rikorrenti sabiex taghmel rapport mal-Pulizija ta' Malta kontra r-rapprezentant tal-intimat Franco Cestone (ara Dok D3 hawn anness) gara illi s-socjeta' Multidrink S.R.L kkonsenjat il-prodotti in kwistjoni minn barra l-Unjoni Ewropeja fi xkejjer ta' hamsin kilogramma (50KG) meta dawn kellhom jigu kkonsenjati minn pajjiz fl-Unjoni Ewropeja u fi xkejjer ta' hamsa u ghoxrin kilogramma (25KG) u dank if kien pattwit bejn iz-zegw partijiet tramite r-rapprezentati taghhom u kif ser jigi pruvat waqt il-mori ta' dawn il-proceduri (ara dokumenti hawn annessi u mmarkati bhaal 'Dok D4');

Illi minhabba dan l-agir irregolari u abbusiv tas-socjeta' intimata s-socjeta' rikorrenti kellha thallas diversi spejjez inter alia ta' zamma u transport kif ukoll dazju fuq il-prodotti in kwistjoni li b'kollox ammontaw ghal tmint elef u sebgha mija u tnejn u tmenin Ewro (€8,782) u dank if ser jigi pruvat ukoll waqt il-mori ta' dawn il-proceduri (ara wkoll dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok D5');

Illi ricentement is-socjeta' rikorrenti baghtet diversi korrispondenzi elettronici kif ukoll ittra interpellatorja datata 18 ta' Lulju, 2016 sabiex is-socjeta' Multidrink S.R.L. thallas dawn id-danni subiti mis-socjeta' rikorrenti (kopja tal-korrispondenza u l-ittra hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok D6'). Ir-rapprezentant Franco Cestone, tramite

korrispondenza elettronika, kkontesta l-ittra mibghuta mis-socjeta' rikorrenti (ara Dok D6).

Illi ghalhekk is-socjeta' intimata Multidrink S.R.L. baqghet inadempjenti fil-hlas taghha;

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza;

Bl-ispejjez gudizzjarji u dawn extra-gudizzjarji kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi.

Rat **ir-risposta** tas-scojeta' Multidrink S.R.L. fejn esponiet:

1. Illi in linea preliminari, l-ecipjent jissoleva l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu huma applikabbli l-provvedimenti tar-regolamenti tal-Kunsill Ewropew numru 44/2001 ghall-kaz odjern, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti m'ghandix gurisdizzjoni sabiex taqta u tiddeciedi din il-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta' konvenuta tirrespingi ghal kollox it-talbiet maghmula fil-konfront taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u in subsidum, is-socjeta' rikorrenti ghandha tipprova a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti, li l-ammont pretiz huwa effettivament dovut u dan peress li mid-dokumentazjzoni li giet esebita u jinsabu in atti, tali talba rikorrenti m'hix sostanzjata, u dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

**Christine Cassar Torreggiani**, hija direttur tas-socjeta' attrici u ilha hekk ghal tlieta u tletin sena. Hija tiehu hsieb il-purchasing kollha tal-kumpanija liema kumpanija topera bhala food manufacturers specjalment affarijiet portion packs ghal lukandi u restaurants. Is-socjeta' attrici hija manfucturer kif ukoll importatrici. Hija tispjega li kienet qeghda tfittex container zokkor u kien cemplilha wiehed Franco Cestone li hija ma tafx minn fejn gab in-numru taghha li offrielha container. Hi accettat purche li jkunu xkejjer ta' hamsa u ghoxrin kilo, gejjin minn pajjiz fl-Unjoni Ewropeja u dokumentat bhala T2L sabiex ikunu koperti. Hija qaltlu sabiex jibghatilha email bl-offerta tieghu u fis-17 ta' Frar, 2016, baghtilha email u flimkien ftehmu fuq prezz. Hija nfurmatu li kellha bzonn dan il-container immediate shipping. Wara li hi halsitu, ghaddew tlett xhur u l-container kien ghadu ma wasalx u kien ghalhekk li hi bdiet tigri warajh ghal risposta. Wara hafna zmien dan Franco Cestone kien baghtilha bill of lading li hi rat stramb hafna ghaliex kellu jiehu hsieb kollox hu u minhabba dan l-agir stramb, is-socjeta' attrici kellha thallas spejjez fosthom ghaz-zamma u transport kif ukoll dazju fuq il-prodotti liema ammont telghu ghas-somma ta' €8,782. Hija saret taf mill-Prime Movers li l-prodott taghha kien gie mill-Ukren u li ghalhekk kellha thallas kwazi €9,000 dazju.

Rat li fil-31 t'Ottubru, 2017 inghatat sentenza preliminari, fejn il-Qorti kellha tiddeciedi dwar jekk hijiex kompetenti li tisma' l-kawza jew jekk il-kawza hix ta' kompetenza ta' qrati barranin, u fil-fatt, iddecidiet li kellha gurisdizzjoni li tisma' l-kawza u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat li fl-24 ta' Jannar, 2018, Christine Cassar Torreggiani pprezentat affidavit fejn ikkonfermat li hija d-Direttur tas-socjeta' De La Tour Enterprises Limited u din is-socjeta' topera, fost ohrajn, fil-qasam ta' importazzjoni, manifattura u bejgh ta' diversi prodotti tal-ikel. Tispjega li kien cemplilha certu Franco Cestone fi Frar tas-sena 2016 fejn infurmaha li seta' jipprovdilha container zokkor. Dak inhar stess bghatilha email bl-offerta tieghu u taha prezz inkluz il-freight. Tghid li hi accettat l-offerta. B'hekk, is-socjeta' Multidrink dahlet fi ftehim mas-socjeta' De La Tour Enterprises sabiex tikkonsenja 800 xkora ta' zokkor u dan skont il-prezz patwit bejniethom. Il-konsenja kellha tasal mill-Unjoni Ewropeja u l-prodott kellu jkun ippakkettjat fi xkejjer ta' hamsa u ghoxrin kilogramma (25kg). Dan Cestona bghat pro forma invoice inkluzi cost,

insurance u freight, liema ammonti thallsu minn Christine Cassar Torreggiani stante li Cestona ma riedx jibghat ix-xoghol qabel ma jithallas. Tispjega li hija halset l-ammont ta' €11,125.99 f'Marzu, 2016 permezz ta' bank transfer. Wara certu zmien, hija bdiet tipprova taghmel kuntatt mieghu sabiex tara ghalfejn il-konsenja kienet ghadha ma waslitx izda Cestona qatt ma taha risposta. Fl-ahhar, kien bghatilha kopja ta' bill of lading u kien hawnhekk li Christine Cassar Torreggiani bdiet tissuspetta li kien hemm xi haga hazina. Konsegwentement, kienet talbet lill-Bank sabiex terga' tiehu flusha lura, u kienet anke ghamlet rapport lill-Pulizija dwar dan. Fit-23 ta' Gunju, 2016, Christine Cassar Torreggiani rceviet notice of arrival minghand Thomas Smith u peress li ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni annessa ma din in-notice of arrival, kellha tistenna gimghatejn ohra biex tircievi dawn id-dokumenti. Tispjega li meta gew ikkonsenjati l-prodotti, dawn kienu gew minn pajjiz barra mill-Unjoni Ewropeja u gew fi xkejjer ta' 50 kilogramma minflok 25 kilogramma, u dan ma kienx skont il-ftehim li sar bejniethom. Minhabba dan l-agir irregolari, is-socjeta' attrici kellha tinkorri spejjez zejda fosthom iz-zamma u transport kif ukoll dazju fuq il-prodotti in kwistjoni fl-ammont ta' €8,782).

**Ikkunsidrat:**

Illi Christine Cassar Torreggiani xhedet darbtejn, darba viva voce u darba permezz t'affidavit u in kontro-ezami dejjem ikkonfermat dak illi kienet qalet fix-xhieda taghha. Jirrizulta li kienet ftehmet mas-socjeta' konvenuta li tircievi tmien mitt xkora zokkor ghall-prezz u kundizzjonijiet pattwiti u cioe' li l-prodott kellu jkun ikkonsenjat li gej mill-Unjoni Ewropea u jkun ippakketjat fi xkejjer ta' hamsa u ghoxrin kilogramma. Hija tiddikjara ghan-nom tas-socjeta' attrici li hallset hdax-il elf u mija u hamsa u ghoxrin Ewro u disgha u disghin centezmu lis-socjeta' intimata permezz ta' trasferiment bankarju. Meta rceviet ritratt tal-bill of lading bdiet tissusspetta hazin u marret anke l-bank biex tara tistax tiehu l-flus lura, sahansitra ghamlet rapport mal-Pulizija kontra Franco Cestone. Fit-23 ta' Gunju 2016 irceviet notice of arrival li kienet waslet il-konsenja izda ma kellha l-ebda dokument u ghalhekk kellha tmur ghalih iktar tard u skopriet li l-prodotti gew minn barra l-Unjoni Ewropeja u fi xkejjer ta' hamsin kilogramma l-wahda u dan kontra dak li kien miftiehem u pattwit mas-socjeta' konvenuta, b'hekk minhabba dan il-ksur is-socjeta' rikorrenti kellha thallas spejjez

ghaz-zamma u trasport u dazzju fuq il-prodotti li ammontaw ghal tmint elef u sebgha mija u tnejn u tmenin Ewro (€8782).

Illi s-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova biex issahhah l-eccezzjonijiet taghha, ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici giet ippruvata in toto.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, b'dan li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef u sebgha mija u tnejn u tmenin Ewro (€8,782), bl-ispejjez ta' din il-kawza u bl-imghax legali li ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**